TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 65/12

**Martin Aquilina**
**vs**
**Portughes Dry Cleaning Ltd.**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' erba' mija, u tmienja u tletin ewro (€438), rappreżentanti prezz ta' purtieri li wara li ħadithom għad-*dry cleaning* ħargu ħafna tbajja.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ħa żewġ settijiet ta' purtieri għal *dry cleaning* u wara xi tliet ġimgħat illi ħadhom lura, induna illi kellhom ħafna tbajja.

L-intimat issottometta illi dawn il-purtieri sarilhom il-proċess ta' *dry cleaning* u fil-fatt wara li t-Tribunal ra r-ritratti tagħhom fuq l-ipad, jinnota li dawn kienu kważi sofor u wara l-proċess ta' *dry cleaning* dawn ġew bojod, pero' f'xi postijiet kien hemm qishom tbajja suwed, li l-intimat issottometta li dawn kienu tbajja li ma setax ineħħihom peress li kienu tbajja mill-*exhaust* tal-vetturi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll jinnota fejn ir-rikorrenti joqgħod u kif ukoll jinnota li dawn it-tbajja mhumiex tort tal-intimat, imma li kienu hemm u meta sar il-proċess iktar ħarġu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888